# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 46/23/1 ISB**

**Michael Bugeja**

**v.**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Michael Bugeja minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) nhar it-22 ta' April, 2024, fejn iddikjarat li l-attur ma seħħlux jipprova illi l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited kien b'xi mod imniġġes bi frodi jew b'illegalità ta' natura daqshekk materjali li għandu

jwassal biex l-imsemmija kumpanija titqiegħed lura fuq ir-reġistru tal-kumpaniji.

**Daħla**

2. B'rikors tas-27 ta' Ġunju, 2023, l-attur Michael Bugeja fisser li huwa azzjonist tal-kumpanija Cliffhanger Developments Ltd (C-29507), li ġiet imħassra minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji, b'effett mit-3 ta' Frar, 2022. Isostni li dakinhar li sar dan it-tħassir, kien hemm għaddejja l-kawża ***Cliffhanger Developments Ltd v. Nutar Dr Malcolm Licari (Rik. Nru 3/2013 AF)*** sabiex Cliffhanger Developments Limited tiġi mħallsa għexieren ta' eluf ta' ewro bħala danni, li din tgħid li ġarrbet minħabba negliġenza professjonali min-naħa tan-Nutar Licari b'rabta ma' akkwist ta' ġid immobbli ġewwa l-Madliena.

3. Skont l-attur huwa ferm importanti li Cliffhanger Developments Limited terġa' titqiegħed fuq ir-reġistru tal-kumpaniji sabiex b'hekk din tkun tista' tissokta fil-proċeduri ġudizzjarji li hemm għaddejjin kontra n-Nutar Licari. Minħabba f'hekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) sabiex:

> *«jogħġobha a tenur tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li isem il-kumpanija Cliffhanger Developments Limited (C-29507) jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex l-istess kumpanija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx imħassar, u dan salv kwalsiasi, dikjarazzjoni, ordni jew provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha*

*xieraq u opportun.»*

4. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji wieġbet għal dan ir-rikors fis-6 ta' Settembru, 2023, fejn qalet hekk:

*«Illi inkwantu għall-merti fattwali ta' din il-kawża l-intimata Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi permezz ta' riżoluzzjoni datata 27 ta' Diċembru 2020, l-azzjonisti kollha ta' Cliffhanger Developments Limited iddeċidew illi l-kumpanija tiġi xolta. Għaldaqstant ġew sottomessi u reġistrati dokumenti mar-Reġistratur bħal 'Forms B(1), B(2), L', f'liema forms ġie dikjarat li l-membri tal-kumpanija ħadu riżoluzzjoni li l-kumpanija għandha tiġi xolta, illi għandha biżżejjed assi sabiex jitħallsu id-djun tagħha fi żmien tnax-il xahar mid-data tax-xoljiment u fil-Form L ir-Reġistratur ġiet avżatha illi fis-27 ta' Diċembru 2020 ġie appuntat Dr. Ivan Grixti bħala likwidatur tal-kumpanija;*

*Illi fl-1 ta' Novembru 2021 ġew reġistrati l-Winding Up Accounts, Scheme of Distribution, l-Auditor's Report u l-Liquidator's Return.*

*Illi wara illi r-Reġistratur irċeviet d-dokumentazzjoni mibgħuta lilha (annessi u mmarkati bħala Dok. "A") għax-xoljiment u għall-kanċellament tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited (C 29507), wara li kkonfermat illi huma konformi mal-liġi, hija mxiet sabiex tirreġistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għalhekk wara li rreġistrat id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju, l-esponenti pproċediet sabiex fit-3 ta' Novembru 2021, tippubblika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi;*

*Illi ta' min jinnota, illi l-imsemmija soċjetà ġiet imħassra wara li ġiet xolta volontarjament fis-27 ta' Diċembru 2020 u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fuq proċedura mibdija mill-kumpanija stess;*

*Illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħed jitlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-isem tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited jerġa jiddaħħal fir-Reġistru ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda, ta' min wieħed jiġbed l-attenzjoni illi dan ma jistax isir abbażi ta' dana l-artikolu minħabba l-fatt illi hekk kif ingħad iżjed qabel, il-kumpanija ġiet xolta b'mod volontarju u mhux mir-Reġistratur, abbażi tal-artikolu 325 tal-Att;*

*Illi f'każ ta' stralċ volontarju, bħalma kien dak tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited, l-obbligi u responsabbiltajiet legali tal-*

*istralċjarju huma iktar onerużi. Għaldaqstant, l-istralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jkun ċert illi l-kumpanija ma jkun fadlilha xejn pendenti jew dovut, qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi l-esponenti, bla preġudizzju għas-suespost, tħoss illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan ir-rimedju eċċezzjonali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar l-iskop u l-perjodu kif ukoll jingħataw dawk id-direttivi u kundizzjonijiet kollha li hemm bżonn f'dan il-każ sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi l-intimata Reġistratur m'għandiex tinżamm responsabbli għall-ebda spejjeż ġudizzjarji konnessi ma' dan il-każ.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' April, 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur Michael Bugeja għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

*«Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrent jgħid illi huwa kien azzjonist fis-soċjetà Cliffhanger Developments Ltd (C-29507) li ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022). Jgħid illi fil-mument li l-kumpanija Cliffhanger Developments Ltd ġiet hekk imħassra, kien hemm pendenti l-proċeduri fl-ismijiet* ***Cliffhanger Developments Ltd v. Nutar Dr Malcolm Licari (Rik. Ġur. Nru. 3/2013AF)****. Jispjega illi l-proċeduri għadhom pendenti sal-lum u għalhekk, minħabba l-interess fil-kawża msemmija, huwa impellenti li s-soċjetà Cliffhanger Developments Ltd terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex tkun tista' tkompli tipparteċipa bis-sħiħ fil-proċeduri surriferiti.*

*Ikkunsidrat ulterjorment:*

*Illi l-intimat Reġistratur min-naħa tiegħu jsostni illi s-soċjetà Cliffhanger Developments Limited kienet għaddiet riżoluzzjoni datata 27 ta' Diċembru 2020, fejn l-azzjonisti kollha ta' Cliffhanger Developments Limited iddeċidew illi l-kumpanija tiġi xolta. Kienu ġew sottomessi u reġistrati dokumenti mar-Reġistratur u skont l-istess riżoluzzjoni kien ġie appuntat Dr. Ivan Grixti bħala likwidatur tal-kumpanija. Isostni illi fl-1 ta' Novembru 2021 ġew reġistrati l-Winding Up Accounts, Scheme of Distribution, l-Auditor's Report u l-Liquidator's Return, u sussegwentement, huwa għadda sabiex fit-3 ta' Novembru 2021, jippubblika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi – kollox skont il-liġi.*

*Jgħid illi l-proċeduri ma setgħux isiru a bażi tal-Artikolu 325 peress illi dan kien każ ta' likwidazzjoni volontarja. Kien l-istralċjarju illi kellu jivverifika illi l-affarijiet tal-kumpanija kienu tassew ġew iffinalizzati.*

*Ikkunsidrat ulterjorment:*

***Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**:*

> *«Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għalkollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.»*

***Art. 300B tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:***

> *«(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> *(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.»*

***Ikkunsidrat Ulterjorment**:*

*Il-Qorti trid tibda biex tirrimarka illi fil-proċeduri odjerni, il-Qorti rriskontrat diversi nuqqasijiet tar-rikorrenti.*

*Fl-ewwel lok, ir-rikorrent naqas milli jieħu nota ta' dak eċċepit mir-Reġistratur intimat u naqas milli jitlob korrezzjoni fis-sens illi t-talba tiegħu tinstema' u tiġi deċiża ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif muri hawn aktar 'il fuq u kif sewwa stqarret ir-*

*Reġistratur intimat, it-talba ma setgħetx issir ai termini tal-Artikolu 325, iżda se mai, ai termini tal-Artikolu 300B.*

*Huwa għalhekk illi t-talba kif imposta ai termini tal-Artikolu 325 tal-KAP 386 ma' tistax tintlaqa', b'danakollu u a skans ta' proċeduri żejda, il-Qorti, kif dejjem għamlet, tkun disposta illi tidħol fil-mertu xorta waħda peress illi dejjem qieset illi finalment, ir-riżultat finali taż-żewġ artikoli msemmija huwa l-istess – ossia r-rientegrazzjoni tal-kumpanija de quo fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, anke jekk fil-każ tal-Artikolu 300B din tkun impoġġija lura biss fl-istat tagħha tal-istralċ.*

*U hu proprju minħabba dan, illi l-Qorti, fil-każ illi taċċetta illi tistħarreġ it-talba ai termini tal-Artikolu 300B, trid tagħmel l-evalwazzjonijiet tagħha fil-kuntest tal-provi mressqa.*

*Dan magħdud, il-Qorti trid tinnota però illi f'dawn il-proċeduri ma tressqu ebda provi kwalsiasi. La dokumentazzjoni, la affidavits, la xehed il-likwidatur sabiex jispjega x'wassal biex jagħlaq l-istralċ mingħajr ma ħa konsiderazzjoni tal-proċeduri legali pendenti, la xehed ir-rikorrent u lanqas ma nġiebet l-iċken prova oħra biex tikkonvinċi lill-Qorti illi jimmerita illi terġa' tordna l-ftuħ tal-istralċ għar-raġunijiet hawn fuq imfissra.*

*Il-Qorti, kif trid il-liġi, trid tkun sodisfatta illi l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija kienu jew <u>vizzjat bi frodi</u> jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>. Tqis illi biex il-Qorti tkun sodisfatta minn waħda jew l-oħra, huwa neċessarju illi tinġieb prova f'dan is-sens. Il-Qorti tinnota illi f'dan il-każ ma tressqu ebda provi kwalsiasi li jistgħu jwasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi favur it-talbiet rikorrenti.*

*GĦALDAQSTANT, il-Qorti ma għandha ebda triq oħra għajr illi, fuq nuqqas ta' provi mressqa, tiddikjara illi mhix sodisfatta illi l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited (C-29507) kien ivvizjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali u konsegwentement qed tgħaddi biex tiċħad it-talba.*

*Bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tar-rikorrent.»*

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Mejju 2024, b'żewġ aggravji li jistgħu jinġabru hekk: (i) li huwa kellu qbil mar-Reġistratur tal-Kumpaniji li ma kienx hemm pendenzi bejniethom u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha timxi billi tqiegħed lura lill-kumpanija Cliffhanger Developments Limited fuq ir-reġistru tal-kumpaniji; u (ii) li l-

Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kumpanija Cliffhanger Developments Limited setgħetx terġa' titqiegħed fir-reġistru tal-kumpaniji skont l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji** minħabba li din il-kawża ma ssejsitx fuq dik id-dispożizzjoni tal-liġi iżda ssejset fuq l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Minħabba f'hekk huwa talab lil din il-Qorti sabiex tmur għal waħda minn tliet għażliet: (i) li tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu biex il-kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-reġistru tal-kumpaniji; jew (ii) li tikkonferma biss is-sentenza appellata sa fejn ġiet miċħuda t-talba tiegħu taħt l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji** u tħallilu miftuħa b'hekk kull azzjoni li l-attur jista' jieħu 'l quddiem taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**; jew (iii) li tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeċiedi jekk it-talba tiegħu tistax tintlaqa' taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

7. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji wieġbet għal dan l-appell fl-14 ta' Ġunju, 2024, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn ma taqbilx mal-attur. Biss però, hija żżid li m'għandhiex problema jekk kemm-il darba l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeċiedi l-każ taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-proċeduri, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-

sentenza tagħha b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-**ewwel aggravju** tiegħu l-attur jgħid li huwa jħossu mġarrab minħabba l-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħditlu t-talba tiegħu minħabba nuqqas ta' provi. Skontu l-verità hi, li bejn il-partijiet mhux biss ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatti, iżda bejniethom kien hemm saħansitra wkoll qbil li l-Qorti setgħet tgħaddi biex tilqa' t-talba tiegħu biex il-kumpanija Cliffhanger Developments Limited titqiegħed lura fir-reġistru tal-kumpaniji. Isostni li dan in-nuqqas ta' kontestazzjoni jinsab imsaħħaħ mhux biss mir-rikors u mir-risposta tal-partijiet, iżda anke minn dak li ġie vverbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2024. Għalhekk billi ma kienx hemm tilwima bejn il-partijiet dwar il-fatti, l-attur appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet ħażin meta ċaħdet it-talba tiegħu minħabba nuqqas ta' provi. L-attur itemm l-aggravju tiegħu billi jisħaq li fuq kollox mhux minnu li ma tressqux provi fil-kawża. Dan jgħidu għaliex dawn il-provi jinsabu fid-dokumenti li r-Reġistatur tal-Kumpaniji hemżet flimkien mar-risposta tagħha.

10. Bla wisq kantunieri, din il-Qorti tgħid li dan l-aggravju ma jistax ikun aktar fieragħ milli hu. Huwa ċar li b'dan l-aggravju l-attur appellant

qiegħed mingħalih biss jipprova jgħaddi lil din il-Qorti minn għajn il-labra.

11. Il-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji**, soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti. Jinżel b'hekk, li l-personalità ġuridika ta' kumpanija tispiċċa hekk kif din tiġi mħassra mir-reġistru (ara ***Medcast Foundry Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April, 2021 u ***International Meats Limited v. Caxton Printshop Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021).

12. Għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ fil-każ tal-mewt ta' persuna fiżika, il-"mewt" legali ta' kumpanija ma tħallix werrieta, u għalhekk kollox imut magħha (ara ***Dr Suzanne Wolfe Martin noe v. Ganado & Associates Advocates et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021). Sakemm kumpanija tkun għadha u tibqa' f'dak l-istat, hija la tkun tista' tħarrek u lanqas titħarrek għall-finijiet tal-**Artikolu 780 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Av. Carl Grech nomine v. Premier Radiators Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023). Mhux hekk biss, kull sentenza li tingħata kontra kumpanija mħassra mir-reġistru tiġi li ma tiswiex (ara ***Tal-Markiż Group Limited v.***

***George Galea et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).

13. B'danakollu kif ġie miżmum mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Mayflower Property Co. Ltd. et v. Reġistratur tas-Soċjetajiet et*** deċiża fit-22 ta' Jannar, 1999, hemm kuntrast qawwi bejn il-mewt ta' individwu u l-mewt ta' kumpanija, peress li fil-każ ta' kumpanija mejta, din tista' tiġi rxoxtata mingħajr ebda intervent divin, iżda sempliċement b'riħet ordni tal-Qorti.

14. Bil-miġja tal-**Att IV tal-2003**, illum l-**Att dwar il-Kumpaniji** jipprospetta żewġ azzjonijiet differenti li bihom kumpanija li tkun ġiet imħassra minn fuq ir-reġistru tista' terġa' titqiegħed fuq dan ir-reġistru.

15. L-ewwel azzjoni hija dik ikkontemplata fl-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**, li tagħti jedd lil kull persuna interessata sabiex titlob lill-Qorti biex tordna li l-isem tal-kumpanija jitqiegħed lura fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ, minħabba li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun imtappan bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali. Tali azzjoni iżda m'għandhiex titħallat mar-rimedju msemmi fl-**Artikolu 300A tal-Att dwar il-Kumpaniji** li jagħti l-jedd lil kull persuna interessata li tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni minħabba li fil-kors tal-istralċ tal-kumpanija, l-istralċjarju jkun ħalla barra xi ġid tal-kumpanija (ara ***Simon Felice et v. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju,

2023).

16. It-tieni azzjoni hija dik imsemmija fl-**Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji** li jagħti jedd lil kull membru, kreditur jew persuna oħra interessata li jikkontestaw deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, meta din tkun ħassret kumpanija minn fuq ir-reġistru minħabba li din tkun tal-fehma li l-kumpanija ma tkunx qiegħda tmexxi negozju jew ma tkunx qiegħda topera (ara ***Maurice Vassallo Eminyan v. Reġistratur tal-Kumpaniji*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

17. Id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ azzjonijiet hija li dik imfissra fl-**Artikolu 300A tal-Att dwar il-Kumpaniji** tapplika meta t-tħassir tal-kumpanija tiġri wara proċess ta' stralċ, filwaqt li dik imfissra fl-**Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji** tapplika meta t-tħassir tal-kumpanija sseħħ b'deċiżjoni meħuda mir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

18. Imħaddem dan kollu għall-każ tal-lum, huwa kemxejn sorprendenti kif l-attur appellant qiegħed jipprova jagħti x'jifhem fl-ewwel aggravju tiegħu, li hu u r-Reġistratur tal-Kumpaniji kienu fuq l-istess frekwenza fir-rikors u fir-risposta rispettiva tagħhom. Għalkemm veru li r-Reġistratur tal-Kumpaniji bdiet it-tweġiba tagħha billi qalet li hija kienet ħa toqgħod għall-ġudizzju għaqli tal-Qorti sa fejn għandu x'jaqsam mal-mertu fattwali, madankollu fil-bqija tat-tweġiba tagħha hija saħqet li l-attur ma setax

jirnexxi fit-talba tiegħu għat-tqegħid lura tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited fuq ir-reġistru tal-kumpaniji taħt l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

19. Dan saħqitu peress li t-tħassir ta' din il-kumpanija ma sarx fuq deċiżjoni tagħha minħabba li hi kellha raġuni tajba biżżejjed biex taħseb li l-kumpanija ma kinitx qiegħda tmexxi negozju jew ma kinitx qiegħda topera aktar, kif jinsab imfisser fl-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Mod ieħor il-kumpanija ġiet imħassra wara li din ġiet xolta b'mod volontarju. Għalhekk ir-Reġistratur tal-Kumpaniji tenniet li t-talba tal-attur ma setgħetx tintlaqa' sa fejn mibnija fuq l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

20. Mhux minnu allura li bejn l-attur u r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien hemm xi forma ta' qbil li l-kumpanija Cliffhanger Developments Limited setgħet titqiegħed lura fir-reġistru. Anzi r-risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji turi l-oppost għaliex fit-tweġiba tagħha hija kienet qiegħda tiġbed l-attenzjoni tal-attur appellant li t-talba tiegħu kif magħmula taħt l-l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji** ma setgħetx tiġi milqugħa.

21. Hekk ukoll, l-attur appellant ma jista' jsib l-ebda wens f'dak li ġie vverbalizzat fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2024. Dan il-verbal jaqra hekk:

> *«Meta ssejħet il-kawza deher l-Av. Timothy Bartolo għar-rikorrent.*

*Dehret l-Av. Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.*

*L-Av. Timothy Bartolo għarraf lill-Qorti illi s-soċjetà Cliffhanger Developments Limited m'għandhiex pendenzi mal-MBR, u dan ir-rikors tressaq biss peress illi minkejja illi l-kumpanija għaddiet minn likwidazzjoni volontarja, bi żvista ma ttieħidx kont ta' proċeduri legali pendenti bin-numru 3/2013 AF, u kien f'dan il-kuntest illi tressaq l-odjern rikors.*

*Bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti tħalli l-kawża għad-deċiżjoni għat-22 ta' April 2024 fid-09.29am.»*

22. Imbilli f'dan il-verbal l-avukat tal-attur appellant iddikjara li l-klijent tiegħu ma kellu l-ebda pendenzi mal-Malta Business Registry, ma jfissirx b'daqshekk li allura huwa kellu raġun li jitlob li Cliffhanger Developments Limited terġa' tidħol fir-reġistru skont l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Wara kollox kif iddikjara l-istess avukat f'dan il-verbal, ir-raġuni għaliex saret din il-kawża ma kinitx minħabba xi pendenzi jew intoppi mal-Malta Business Registry, iżda l-kawża saret għaliex fil-likwidazzjoni volontarja ma tteħidx kont tal-proċeduri ġudizzjarji ***Cliffhanger Developments Ltd v. Nutar Dr Malcolm Licari (Rik. Nru 3/2013 AF)***.

23. Barra minn hekk, l-attur appellant għal darb'oħra qiegħed jerġa' jaħrablu l-fatt li f'dan il-każ il-kumpanija Cliffhanger Developments Limited ma ġietx imħassra minn fuq ir-reġistru minħabba xi deċiżjoni li ħadet ir-Reġistratur tal-Kumpaniji iżda ġiet mħassra wara proċess ta' stralċ volontarju. Jiġi b'hekk, li lil hemm minn kull intendiment, ftehim jew qbil li l-attur appellant seta' fehem li kellu mar-Reġistratur tal-Kumpaniji u lil

hemm minn kull dokument li r-Reġistatur hemeż mar-risposta tiegħu, xorta waħda jibqa' l-fatt li huwa qatt ma seta' jirnexxi fl-azzjoni tiegħu taħt l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**, ladarba t-tħassir tal-kumpanija Cliffhanger Developments Limited ma ġarax bħala riżultat ta' xi deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

24. L-ewwel aggravju tal-attur għalhekk qiegħed jiġi miċħud u mtenni bħala wieħed fieragħ għall-aħħar.

25. Ngħaddu għalhekk biex neżaminaw it-**<u>tieni aggravju</u>**. Fih l-attur appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex qieset ukoll it-talba tiegħu taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**, ladarba huwa ressaq il-każ tiegħu fuq l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

26. Bil-maqlub ta' dak li rajna waqt l-istħarriġ tal-ewwel aggravju, hawnhekk il-Qorti jkollha tistqarr li din id-darba l-attur appellant għandu raġun biex ibiegħ.

27. Skont l-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, anke jekk is-sentenza appellata tista' tkun ġusta fis-sustanza tagħha, din xorta waħda għandha titħassar jekk tmur *extra petita* jew *ultra petita* (ara ***Mapfre Middlesea plc v. City Sightseeing Malta Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024).

28. Il-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarrfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob (ara ***Arthur Xuereb v. Silvio Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-25 ta' Ġunju, 2019). Jiġi b'hekk, li n-natura ta' kawża li titressaq quddiem il-Qrati tiddependi mill-għażla li tagħmel dik il-parti li tiftaħha u mhux mill-eċċezzjonijiet li l-parti mħarrka tqajjem dwarha (ara ***Il-Professur Raymond Mangion v. Whitelocke Publications Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

29. Dan kollu huwa importanti li wieħed iżommu f'moħħu għaliex kif inhuwa sew magħruf fil-liġi u fil-ġurisprudenza tagħna, il-qrati superjuri għandhom joqogħdu għat-talba kif imfissra mir-rikorrent, b'dana li l-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, imma li ma jkunx jidħol sewwa fit-talba, kif imfissra mir-rikorrent għaliex inkella s-sentenza tmur *extra petita* u b'hekk tiġi li ma tiswiex (ara ***L-Avukat Dottor Roberto Montalto nomine et v. Edwin Bartolo et*** u ***Health Services Group Limited v. Id-Direttur tal-Kuntratti et***, it-tnejn mogħtija fit-28 ta' April, 2017).

30. Fil-każ tagħna, l-attur għażel speċifikatament li jsejjes l-azzjoni

tiegħu fuq l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Għalkemm kif rajna aktar 'il fuq, din l-għażla kienet waħda ħażina għaliex it-tħassir tal-kumpanija ma seħħx b'deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpaniji iżda wara stralċ volontarju, b'daqshekk però dan ma kienx jagħti libertà lill-Ewwel Qorti li tistħarreġ it-talba tal-attur taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Dan hu hekk peress li l-attur fir-rikors tiegħu mhux biss qatt ma ta' x'jifhem li huwa kien qiegħed iressaq it-talba tiegħu għall-irxoxtar tal-kumpanija inkwistjoni minħabba li kien hemm xi frodi jew xi illegalità fil-proċess tal-istralċ kif imsemmi fl-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**, iżda waqt il-kawża huwa qatt ma ressaq xi provi jew allegazzjoni, fis-sens li seta' kien hemm xi frodi jew illegalità ta' natura materjali fil-mod ta' kif seħħ l-istalċ.

31. Minkejja l-ħerqa espressa fis-sentenza appellata mill-Ewwel Qorti, li hija riedet tevita milli jitressqu proċeduri żejda minħabba li r-riżultat finali tal-**Artikoli 300B** u **325 tal-Att dwar il-Kumpaniji** huwa l-istess, b'danakollu xorta waħda jibqa' l-fatt li hija ma setgħetx minn jeddha taqbad u tistħarreġ jekk intweriex li jeżistu l-elementi tal-frodi u/jew tal-illegalità ta' natura materjali msemmija fl-**Artikoli 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji** fi proċeduri ġudizzjarji fejn l-attur appellant qatt ma semmihom waqt il-kawża. Fuq kollox, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tistagħġeb li ma tressqux provi dwar dawn l-elementi, ladarba l-attur appellant qatt ma bena l-kawża tiegħu fuq dawn l-elementi.

32. Għandu raġun għalhekk l-attur appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma waqfitx l-istħarriġ tagħha mal-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji** iżda kompliet ukoll fuq l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**. F'dan is-sens għalhekk l-aggravju tal-attur appellant sejjer jiġi milqugħ.

33. Il-konsegwenza tal-ilqugħ ta' dan l-aggravju iżda mhijiex li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tiftaħ mill-ġdid l-istadju tal-provi u tiddeċiedi t-talba tal-attur daqslikieku din saret ukoll taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Dan qed jingħad għaliex l-attur appellant qatt ma talab li jbiddel ir-rikors oriġinali tiegħu biex isejjes il-kawża tiegħu fuq l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji** b'żieda jew minflok l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**. Il-kawża nbdiet u baqgħet sal-għoti ta' din is-sentenza unikament fuq l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**, b'dana għalhekk li ma hemm xejn x'jista' jiġi deċiż fuq l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji** jekk il-kawża tintbagħat lura quddiem l-Ewwel Qorti.

34. Il-Qorti ttemm din is-sentenza billi tgħid li għad li l-attur appellant qiegħed jingħata raġun f'parti minn dan l-appell tiegħu, madankollu xorta waħda huwa ħaqqu jħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri għaliex fl-aħħar mill-aħħar huwa ma kellu qatt jibda dawn il-proċeduri taħt l-

**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji**, ladarba t-tħassir tal-kumpanija inkwistjoni ma ġarax minħabba xi deċiżjoni li ħadet ir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa’** l-appell tal-attur u b’hekk qiegħda tibdel is-sentenza appellata billi tiddikjara li t-talba tal-attur qiegħda tiġi miċħuda biss sa fejn din ġiet imressqa taħt l-**Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji** u tħalli b’hekk miftuħa għall-ġudizzju separat kull kwistjoni dwar jekk l-attur jistax jitlob l-irxoxtar ta’ Cliffhanger Developments Limited taħt l-**Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji**.

L-ispejjeż kollha tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti għandhom jitħallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm